**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Mon, Apr 8, 2019 at 8:33 AM
To: Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
<charles.polidano@standardscommissioner.com>

Kummissarju ghall-istandars fil-hajja pubblika, Dr. George Hyzler,

Wara li ktibt l-ufficju tieghek jidher li ccaqalqu xi ftit l-affarijiet ghax jidher li sa fl-ahhar il-Ministru tal-Gustizzja Owen Bonnici baghat ghall-parir tal-Kumitat ghar-revizjoni tas-sahha mentali u dehert quddiem dan il-Kumitat fil-21 ta' Marzu '19 li ghadda.

Pero nistaqsi jekk ghax sempliciment mexxa issa l-Ministru hux se jintesa kollox l-abbuz gravissimu mill-posizzjoni tieghu ilu dawk is-snin kollha jtawwalli l-process ghalxejn. Nistaqsi wkoll kif bqajt ma baghatx ghal dawk it-3 persuni li ghidtlek li ghandi bhala xhieda li meta kienu marru jkellmu lill-Ministru fuq il-kaz tieghi lejn Awissu '17 kien semmilhom lill-blogger Daphne Caruana Galizia li jikkonferma kemm verament kont qed nigi diskriminat minnu, u kemm vendikattivament u ntenzjonalment kien qed itawwalli l-process apposta. Dan apparti s-sekwenza ta' kif sehhew l- affarijiet kif spjegajtlek fl-email tal-25/2/19 li jkompli jikkonferma li xi haga vendikattiva u diskriminatorja kienet ghaddejja kontrija b'xi hadd ixewxu (Fredrick Azzopardi, ex-Chairman tal-Enamalta) biex ihallini maqful. Bl-ingliz: I was left kidnapped in detention to satisfy the Minister's intense appetite for revenge, (ma stajtx insib il-kliem ezatt bil- Malti) fejn il-Ministru ma setghax ipattija dirett lil Daphne fuq li kitbet fuq il-hajja privata tieghu fost l-ohrajn, spicca hareg il-mibgheda kollha tieghu lejja ghax disgrazzjatament assocjawni maghha. Nistaqsi kif ghadhom ma ttiehdux passi kontrih u ma giex imgieghel jirrizenja meta tant hi cara li kont qed nigi hekk vendikattivament u ntenzjonalment diskriminat minnu?

Ukoll nistaqsi jekk tajtx titwila lill-website li ghidtlek li ghamilt fejn nizzilt l-ingustizzji u abbuzi li ilni nsofri ghal dawn is-snin kollha. Dan fosthom ir-rapporti/perizja tal-Psikjatri tal-kaz li kelli l-Qorti fl-2014 tat-tislib tal-annimali fil-Mosta li fuq il-konkluzjonijiet taghhom is-sentenza nqatghet li nintbaghat l-isptar Monte Carmeli, huma fil-fatt ibbazati fuq konkluzjonijiet zbaljati, dik li ghemili kien ghax waqaft niehu l-kura (li kull ma kienet tikkonsisti kien f'pirmla wahda zghira nsinifikanti kuljum) fic-cirka 3 snin qabel l-arrest meta kont qed naghmel ir-reati kif kont ghidtilhom li ghamilt, meta fil-fatt il-kura ma kont hadtha qatt fi 12-il sena mill-bidunett li suppost kont nihodha u ghandi provi biex insostni dan b'primli ghadhom intatti fil-package li jmorru lura mill-bidunett mill-2002. Meta nfurmajt b'dan lill-Psikjatra David Cassar lejn Ottubru '16, il-konsulent tieghi u ghar minn hekk kien involut direttament fil-perizja, ma marx b'din l-evidenza gdida li kienet taqleb kollox ta' taht fuq quddiem il-Qorti kif kien obbligat li jaghmel bil-ligi Kapitlu 525, Artiklu 37(a) biex jitkomplew il-proceduri kontrija fil-Qorti, biex ma jinqabadx li ilu jigdeb fuqi mill-2002 u li ntenzjonalment kien ghamel dijanjozi ghal kollox zbaljata tieghi fost l-ohrajn meta kien pengini ta' mentali spiccut biex jiskreditani fl-isforz tieghu biex jghatti l-abbuzi fosthom tal-Magistrat Peralta li f'kaz iehor li kelli quddiemu fl-2001 kien heddidni li jsabbatni mal-hajt f'awla tal-Qorti u kien dawwarhom li kienu sempliciment "deluzjonijet ta' persekuzzjoni" tieghi. Fuq din li l-perizja tal-kaz tal-2014 hi bbazata fuq konkluzjonijiet zbaljati apparti lil Cassar innifsu, infurmajt ukoll b'dan lill-Kummissarju ghas-sahha mentali John Cachia ghal darba tnejn tlieta lejn l-ahhar tas-sena 2016 (meta dehert quddiemu issa fil-21/3/19 li ghadda wiehed mill-membri tal-Kumitat vilment qalli ghax kien kaz li waqaft niehu l-kura minkejja li kont infurmajt lil Cachia mill-2016 li dan ma kienx il-kaz; ma qghadtx inqajjem il-punt ghax kienu jispiccaw ma jzidulix leave, etc.), infurmajt ukoll lill-Ombudsman u lill-Kunsill Mediku u issa lilek bhala Kummissarju ghall-istandards fil-hajja pubblika. Dan qisu kien hemm wiehed li fuq talixhieda gie misjub hati u ntbaghat il-habs, u mbaghad meta wara rrizulta li din it-tali xhieda kienet falza, hallewh maqful il-habs xorta wahda nnocentament. Nistaqsi jekk tistghax titlob li ssir inkjesta magisterjali fuq dak li allegajt fil-websajt li ghamilt - mill-ftit li naf biex issir tali nkjesta jrid ikun sar reat li jgorr piena ta' lanqas 3 snin habs u jekk hu hekk, biss biss fuq dak li ghamel mieghi l-Psikjatra David Cassar ghandu fejn jehel il-kumplament ta' hajtu l-habs, fejn hawn ghandhekk issib lista t'abbuzi tieghu li ilni nsofri minnu tul dawn is-snin kollha mill-2002 meta beda jarani. Nistaqsi kif tista' tibqa' passiv meta qed nghid li sehhew krimini hekk gravissimi fuqi u nsostnihom bi provi fuq provi? U fuq il-krimini li semmejt fuq Fredrick Azzopardi fl-email tal-25/2/19 li ghax irrapurtajt abbuz li kien isir fl-Enemalta lill-ufficju tal-whistleblower spiccat daret kontrija, x'se jigri u min hu responsabbli minn dan l-ufficju?

Nicholas Grech (mob: [redacted])

[Quoted text hidden]

---

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life** Mon, Apr 8, 2019 at 8:51 AM
<charles.polidano@standardscommissioner.com>
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

Sur Grech,

Nixtieq ninformak li rċevejt il-messaġġ tiegħek u se jitressaq għall-attenzjoni tal-Kummissarju.

Charles Polidano

Direttur Ġenerali

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta

+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

9 ta' April 2019

Lis-Sur Nicholas Grech

Bl-email: [redacted]

Sur Grech,

**Każ K/005: Ilment dwar l-aġir tal-Ministru Owen Bonnici**

Nirreferi għall-email tiegħek tat-8 ta' April 2019.

Nixtieq ninformak li m'għandix is-setgħa li nitlob li ssir inkjesta maġisterjali. Lanqas ma għandi s-setgħa li ninvestiga chairperson ta' entità pubblika jew psikjatra. Mill-persuni kollha li semmejt fil-korrispondenza tiegħek ma' dan l-uffiċċju, huwa biss l-aġir tal-Ministru Owen Bonnici li huwa sindakabbli skont l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Nitolbok tapprezza li fir-rigward tal-Ministru, l-artikolu 14 tal-Att iżommni milli ninvestiga ilmenti dwar atti li seħħew qabel it-30 ta' Ottubru 2018 jew li seħħew aktar minn tletin jum tax-xogħol qabel ma jkun sar l-ilment. Billi inti ktibtli għall-ewwel darba fl-14 ta' Frar 2019, dan ifisser li nista' nieħu konjizzjoni biss ta' fatti li ġraw mill-bidu ta' Jannar 'l hawn.

Madankollu, kif jidher li inti fhimt tajjeb, jiena qiegħed insegwi l-każ u nitolbok iżżommni nfurmat jekk iseħħu żviluppi ġodda.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika